DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/652

tal-14 ta' Mejju 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/219/PESK [1] dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali).

(2) Fil-25 ta' Ġunju 2018, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-Saħel/Mali, il-Kunsill issottolinja "l-importanza tar-reġjonalizzazzjoni tal-PSDK fis-Saħel bil-għan li jissaħħaħ, kif xieraq, l-appoġġ ċivili u militari għal kooperazzjoni transfruntiera, l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali — b'mod partikolari dawk tal-G5 tas-Saħel – u l-kapaċità u s-sjieda tal-pajjiżi tal-G5 biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà fir-reġjun."

(3) Fit-18 ta' Frar 2019, il-Kunsill approva Kunċett tal-Operazzjonijiet ċivili-militari konġunt dwar ir-Reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Saħel.

(4) Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/312 [2] li testendi EUCAP Sahel Mali u li tipprovdilha ammont ta' referenza finanzjarja sal-14 ta' Jannar 2021.

(5) Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà emenda l-pjan operazzjonali għal EUCAP Sahel Mali u qabel li jenħtieġ li jiżdiedu r-riżorsi pprovduti lilha għar-reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Saħel.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/219/PESK tiġi emendata skont dan.

(7) Il-EUCAP Sahel Mali ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel it-twettiq tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, is-sitt u s-seba' paragrafu huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Sahel Mali bejn l-1 ta' Marzu 2019 u l-14 ta' Jannar 2021 għandu jkun ta' EUR 69 650 000.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/312 tal-21 ta' Frar 2019 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 29).

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN